MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 16/2011/1

**Saadia Vella El Bazza**

**v.**

**George Vella**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija fit-18 ta' Marzu 2014 mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici billi: ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut u konsegwentement applikat fil-konfront tieghu l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16; iddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet filwaqt li osservat li ma kienx hemm assi tal-komunjoni; u ordnat li l-konvenut ihallas lilha retta alimentari mensili ta' €175 b'effett mid-data tas-sentenza u li l-ordni tal-hlas tal-manteniment ghandha tibqa' sakemm il-konvenut jibqa' fl-impieg tieghu mal-Gvern; l-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Il-Fatti**

2. L-attrici, mara ta' nazzjonalita` Marokkina li sussegwentement akkwistat ic-cittadinanza Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Malti, fit-23 ta' Dicembru 2000 wara gherusija ta' ftit xhur. Wara konvivenza ta' tmien snin l-attrici telqet mid-dar matrimonjali minhabba problemi kostanti riskontrati mill-koppja fiz-zwieg, u, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fid-dar matrimonjali proprjeta` parafernali tieghu, hija marret tghix banda ohra fejn qed thallas kera mensili ta' €150.

3. L-attrici bbazat l-azzjoni taghha fuq l-Artikolu 40 tal-Kap. 12, filwaqt li l-konvenut eccepixxa li kienet l-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr pre-avviz.

4. L-attrici tahdem bhala assistenta fi kcina go guesthouse, filwaqt li l-konvenut ghandu impieg regolari mal-Gvern.

**L-Appell**

5. Il-konvenut hassu aggravat mid-decizjoni tal-ewwel Qorti u qed jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji: [1] li hu ma kellux jinstab hati tas-separazzjoni, stante li l-problemi fiz-zwieg kienu dovuti ghall-marda mentali li l-attrici kienet taf biha sa minn qabel iz-zwieg; u [2] li l-attrici ghandha impieg part-time u taghmel xoghol sporadiku iehor, u ghalhekk la ghandha l-potenzjali li tiggenera introjtu, hu m'ghandux ihallasha manteniment.

6. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-konvenut gie misjub hati tas-separazzjoni u fejn gew applikati kontra tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli fuq citati, kif ukoll fejn gie ordnat ihallas lill-attrici r-retta alimentari kif fuq indikat; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

7. Min-naha taghha l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghha, l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud.

## Is-Sentenza Appellata

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi talbet is-separazzjoni minn ma' żewġha. Il-partijiet iżżewġu bir-rit ċivili fit-23 ta' Diċembru 2000.[1] Kienu jafu l-xulxin għal ftit xhur biss qabel ma żżewġu. Il-mara hija ta' nazzjonalita' marokkina, u qabel kellha l-oħtha tgħix hawnhekk ukoll. Pero' ġabet iċ-ċittadinanza maltija fis-7 ta' Marzu 2008, u għalhekk hija ntitolata tibqa' tgħix u taħdem f'dawn il-gżejjer, bla ebda limitu.[2] Marru joqgħodu f'dar proprjeta' parafernali tal-konvenut. Ir-raġel jaħdem mal-Gvern fil-Construction Maintentance Unit (CMU), filwaqt illi l-attriċi taħdem bħala *kitchen hand* f'*guest house* x-Xewkija. Ġieli għamlet ukoll xi xogħol sporadiku ta' faċendi fi djar privati. Minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm ulied. Il-mara tgħid li r-raġuni ewlenija għaliex qed titlob din is-separazzjoni hija minħabba vizzju ikrah li għandu r-raġel li jħobb inemmes (*voyerism*), vizzju li ġieli anke ġabu fl-inkwiet mal-Pulizija,[3] u minħabba f'hekk għamel xi żmien rikoverat fl-isptar mentali. L-attriċi ssostni li minħabba ż-żmien qasir ħafna li għamlu flimkien qabel ma żżewġu, u anke għax hija barranija, ma kellha l-ebda mezz biex issir taf bil-problema tal-konvenut. Dan il-vizzju ma ġiex innegat mill-konvenut, li baqa' qatt ma xehed xejn f'dawn il-proċeduri, imma jinsab ikkonfermat minn ommu.[4] Konsegwentement l-attriċi ssostni li kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tgħix għal rasha, billi wara tmien snin ta' żwieġ, ma felhitx tibqa' tgħix miegħu bl-inkwiet li dan il-vizzju kien iġibu fih.
>
> "Assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma rriżultax li kien hemm. L-attriċi l-iktar li kkonċentrat bħala provi f'din il-kawża huwa fuq it-talba għall-ħlas ta' manteniment mingħand zewgħa. Hija ssostni li żewgha għandu paga regolari tajba u jaqla paga netta ta' madwar seba' mija u ħamsin euro (€750) kull erba' ġimgħat, li jġibu €9750 fis-sena,[5] u minn din il-paga jista' jgħinha biex tkampa mal-ħajja, u biex tħallas għall-kera tal-post fejn qed toqgħod.
>
> "Il-konvenut, fir-Risposta ġuramentata tiegħu, jeċċepixxi illi ġialadarba martu abbandunat minn jeddha id-dar matrimonjali, u telqet mingħajr ebda pre-avviż ta' xejn, m'għadhiex intitolata għall-manteniment mingħandu. Huwa minnu illi l-artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "*Id-dmir tal-manteniment ta' parti fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra jintemm jekk il-parti l-oħra, wara li tkun telqet mid-dar taż-żwieġ, bla raġuni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar*." Imma hawnhekk

---

[1] Dok.A anness mar-Rikors guramentat a fol.5 tal-process

[2] Ara kopja tac-certifikat ta' cittadinanza a fol.88, u deposizzjoni tar-rapprezentant tad-Dipatiment tal-Immigrazzjoni a fol.83 4

[3] Ara kopja tal-fedina penali tal-konvenut a fol. 18 - 25

[4] Ara deposizzjoni tagħha in kontro-ezami tas-7 ta' Novembru 2013

[5] 5 Ara statement esebit bhala Dok.JG 1 a fol.38

ma jistax jingħad li l-attriċi ma kelliex raġuni xierqa biex ma terġax lura d-dar. Ħadd ma jagħtiha tort jekk, fiċ-ċirkostanzi, ma xtaqgħetx tibqa' tgħix ma żewġha. Kif tajjeb issostni l-attriċi, fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha, każ bħal dan jinkwadra ruħu sew bhala 'eċċessi' li jwasslu għas-separazzjoni, u li għalhekk jaħti l-konvenut għal dak li ġara.

"Stabilit għalhekk id-dritt tal-mara li titlob il-manteniment mingħand żewġha, minkejja li abbandunat id-dar matrimonjali, jibqa' sabiex jiġi eżaminat jekk fiċ-ċirkostanzi attwali tal-partijiet hemmx lok li l-attriċi tiġi mantnuta minn żewġha, tenut kont li hija taħdem ukoll. Kif jinstab stabilt fil-ġurispudenza: "*Il-fatt li l-mara tkun taħdem u taqla' biex tgħix ma jeskludix l-obbligu tar-raġel li jipprovdi għall-alimenti tagħha*."[6] Fl-affidavit tagħha tal-25 ta' April 2012, l-attriċi qalet li s-sena ta' qabel daħħlet €3396 mill-impieg tagħha mal-Mariblu Guesthouse. Hemmhekk taħdem biss bejn April u Ottubru fl-istaġun tat-turisti. Mill-bqija tkun bla xogħol.[7] Fil-fatt kif jidher mill-formula tal-Final Settlement System (FSS) għas-sena 2010, l-attriċi mill-impieg tagħha mal-kumpanija "Mariblu Gozo Limited" daħħlet €3535, li minnhom tnaqqsu €639.86ċ bħala taxxa, u għalhekk baqagħlha f'idejha mal-€2895.

"Ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impieg ieħor. Għalkemm saru allegazzjonijiet dwar dan, jidher biss li għal xi żmien l-attriċi kienet tagħmel xi xogħol sporadiku ta' faċendi fid-djar tat-tfal tad-diretturi tal-kumpanija fejn taħdem, u xi darbtejn marret ukoll għand xi familajri tal-konvenuti. Dan pero' bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala xi dħul regolari li l-attriċi tista' tiddependi fuqu.

"Għalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti, u tenut kont ukoll l-għoli tal-ħajja minn żmien għal żmien, li retta alimentari ta' mija ħamsa u sebgħin euro (€175) fix-xahar, li għandha tibqa' titħallas mill-konvenut lill-attriċi sakemm dan jibqa' fl-impieg li għandu mal-Gvern, għandha tkun waħda adegwata għall-attriċi."

## **<u>L-Aggravji</u>**

*L-ewwel aggravju*

9. Dan jirrigwardja l-htija ghas-separazzjoni attribwita lill-konvenut, u l-konsegwenzjali applikazzjoni fil-konfront tieghu tad-dispozizzjonijet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

[6] Appell: Domenica Abdilla vs Luigi Abdilla – 12.11.1951
[7] Ara affidavit a fol. 30

10. Il-konvenut jghid li hu qatt ma ammetta xi agir volontarju li jista’ jkun raguni tajba ghat-tifrik taz-zwieg. Il-problemi fiz-zwieg kienu gejjin mill-fatt li l-konvenut ghandu l-vizzju li jnemmes [voyerism] sal-grad li dan il-vizzju jikkwalifika bhala dizordni mentali. Di fatti jghid li huwa kien ghamel xi zmien rikoverat fl-isptar mentali hekk kif kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati li fl-2009 li kien gab ruhu b’mod fastidjuz fil-konfront ta’ wahda mara.

11. Huwa jakkuza lill-attrici li kienet taf b’dan il-vizzju tal-konvenut sa minn qabel iz-zwieg, izda xorta wahda riedet tizzewweg sabiex tkun tista’ tibqa’ tghix u tahdem f’Malta. Ghalhekk li huwa jiddeskrivi z-zwieg bhala wiehed ta’ konvenjenza min-naha tal-attrici.

12. In tema legali jigi osservat li huwa pacifiku fil-gurisprudenza patria li "*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque* ***di tale cause da sola basta****, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" - "**Elisa Thompson v. Edward Thompson**", Prim’ Awla, Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925] [citata fil-kawza PA **Sylvana Stringer v. Jeremy Stringer**, deciza 28 Frar 2003.

13. Il-Qrati taghna rritenew illi biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux biss xi att izolat ta' daqqa waqt xi tilwima, imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien [PA **Mary Muscat v. Anthony Muscat** [Ibid], u wkoll, PA **Marthese Vella v. George Vella**, deciza 8 Frar 2003.

14. Fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-duttrini bhala sevizji…" [PA **Maria Mifsud v. Vincenzo Mifsud**, deciza, 30 Gunju 1961].

15. Il-fatt li bniedem mizzewweg juza fuq il-mara swat jew *vie di fatto,* li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew fi stat socjali, l-ghaliex jikkostitwixxu brutalita` ghal ebda motiv ragjonevoli u bla provokazzjoni, certament jikkostitwixxu eccessi [Ibid].

16. Rigward id-distinzjoni bejn it-termini "eccessi" u "sevizzi" l-awtur Francesco Bianchi fit-trattat tieghu fuq il-Codice Civile Italiano [Vol. 5 P. 2. pga. 579] filwaqt li jirreferi ghall-kummentaturi francizi fuq l-Artikolu 231 tal-Kodici Franciz ta' dak iz-zmien li wkoll jsemmi t-terminu "eccessi" bhala wiehed mill-motivi ghas-separazzjoni, liema terminu huwa wkoll uzat fil-Codice del Regno D'Italia [1865] fl-Artikolu 150, jghid hekk:

> "Percio` gli interpreti di quel Codice spiegavano generalmente quella parola "eccessi" nel senso di 'fatti o atti di violenza commessi da uno dei coniugi contro l'altro , eccedenti ogni limite di ragionevole tolleranza e di tale nature che mettendo in pericolo la vita [altri aggiungevano opportunamente 'almeno la salute'] dell'altro coniuge, rendano insapportabile il vivere in comune'.

17. L-istess awtur ikompli jghid li din id-defenizzjoni tidher li hija applikabbli anki ghall-istess terminu uzat mill-imsemmi kodici Taljan *"pur comprendervi anche i fatti che pongono in pericolo la salute, se non la vita` del coniuge"*.

18. Fil-mertu din il-Qorti tibda biex tosserva li l-provi fir-rigward huma skarsi ghall-ahhar. Di fatti fuq dan l-aspett tal-kawza xehedu biss l-attrici u Grace Vella, omm il-konvenut. Dawn xehedu *viva voce* quddiem il-Qorti. Il-konvenut min-naha tieghu ma' xehedx la *viva voce* u lanqas permezz tal-affidavit. Hemm biss ir-risposta guramentata tieghu fejn qed isostni l-abbandun mid-dar konjugali da parti ta' martu.

19. Fix-xiehda taghha l-attrici tinnega li hi kienet taf bil-problema tal-konvenut, u ssostni li l-problemi matrimonjali bdew mill-bidunett. Tghid li qabel iz-zwieg ma kinitx taf bil-problema li kellu zewgha u lanqas li kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Hi tiddeskrivi hekk ir-raguni ghaliex, wara konvivenza matrimonjali ta' tmien snin, hija telqet mid-dar konjugali:

> "..jixrob l-alkohol u johrog bil-lejl, il-lejl kollu ma jidholx id-dar … jew inkella jigi l-pulizija warajh sakemm jaghtu qata', gieli anke fis-saghtejn, fit-tlieta ta' bil-lejl. F'nofs il-lejl gieli jigu jgru warajh in-nies, gieli jigi hafi ghax jitlef iz-zarbun jew il-papocc li jkollu ghax ikunu grew fuqu n-nies. Dan hemm hafna, ma nistax

nghidlek kemm, imma hafna. Biex nghidlek Dott, vera ssaportejt imma ma flahtx nissaporti aktar”[8].

20. Kif gia` fuq indikat il-provi dwar l-aspett tal-inkwiet matrimonjali huma skarsi ghall-ahhar, u mis-sentenza jidher li l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-attrici dwar il-komportament abbuziv tal-konvenut, filwaqt li accettat il-verzjoni ta’ ommu dwar il-vizzju li jbati bih binha l-konvenut. L-ewwel Qorti accettat ukoll il-fatt allegat minn Grace Vella li l-konvenut kien ghamel xi zmien Monte Carmeli. Dan il-fatt johrog ukoll mill-fedina penali tal-konvenut fejn ghall-akkuzi maghmula fil-konfront tieghu, il-Qorti tal-Magistrati ordnat li hu jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Carmeli.

21. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm mill-provi johrog li l-konvenut isofri minn kundizzjoni medika, il-komportament tieghu matul il-konvivenza kien wiehed abbuziv, stante li peress li ezercitat ripetutatment u fuq bazi abitwali, irrenda l-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghall-attrici. Ghalhekk jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ fil-konfront tal-attrici. Izda ma jikkostitwux ‘eccessi’ peress li ma kien hemm ebda allegazzjoni ta’ swat fiziku.

22. Hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm il-ligi timponi fuq il-konjugi l-obbligu tal-assistenza reciproka, mill-banda l-ohra min mill-konjugi jbati b’vizzju jew dizordni mentali ghandu d-dover li jiehu l-kura sabiex jikkontrolla l-kundizzjoni tieghu. *Multo magis*, fejn, bhal fil-kaz prezenti, il-kundizzjoni

[8] Fol. 109.

mentali tal-konvenut kienet fonti ta’ inkwiet matrimonjali kostanti li eventwalment irrendiet insapportabbli ghall-attrici l-konvivenza matrimonjali.

23. Issa, fil-kaz in dizamina, il-konvenut ma ressaq ebda prova dwar il-grad tal-vizzju jew kundizzjoni mentali tieghu. Ghajr dak li rrizulta mill-fedina penali hu ma pprezenta ebda prova medika fir-rigward, bhal per ezempju certifikat mediku, jew xiehda ta’ tabib li jiddeponi dwar il-kundizzjoni tieghu u l-kura somministrata lilu. Lanqas jirrizulta jekk gietx preskritta kura medicinali lill-konvenut, wisq anqas jekk dan kienx effettivament jiehu xi medicini biex izomm il-kundizzjoni tieghu taht kontroll jew itaffi l-effetti negattivi taghha. Anzi minn dak li rrizulta mix-xiehda tal-attrici jidher car li ma kienx qed jiehu l-kura necessarja ghall-kundizzjoni tieghu, u huwa minn dan il-fatt li tohrog ir-responsabbilita` tal-konvenut ghas-separazzjoni, b’mod li l-komportament tal-konvenut ma jistax jitqies bhala involontarju, imma ghandu jitqies bhala wiehed abbuziv. Ghax, ghalkemm huwa minnu li l-mard jista’ jezimi lill-konjugi mir-responsabbilita` ta’ ghemilu, in-nuqqas da parti tieghu li jiehu l-kura necessarja, tirrendi dak l-ghemil wiehed abbuziv.

24. Din il-Qorti tosserva ulterjorment li s-sottomissjoni tal-konvenut li z-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed ta’ konvenjenza da parti tal-attrici, hija kemm ingusta fil-konfront tal-attrici, kif ukoll kuntrastata mill-provi. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-fatt wahdu li, bhala wiehed mill-motivi ghaliex l-attrici dahhlet fiz-zwieg mal-konvenut kienet sabiex tibqa’ tghix Malta, ma jwassalx

necessarjament ghall-konkluzjoni li z-zwieg kien wiehed ta’ konvenjenza jekk, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta li dan ma kienx l-uniku skop taz-zwieg. Mill-provi jirrizulta manifest li l-attrici hija mara biezla, kienet tahdem hafna u affidabbli fix-xoghol taghha, u wkoll kienet taghmel l-almu taghha sabiex tikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja fiz-zwieg. Inoltre, kienet damet tghix mal-konvenut tmien snin sakemm fl-ahhar ma felhitx aktar u kellha titlaq mid-dar.

25. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fir-rigward. Ukoll hi tal-fehma li l-attrici kellha raguni valida sabiex titlaq mid-dar matrimonjali. Minn ezami tax-xhieda akkwiziti ma jirrizultax li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, li semghet ix-xhieda *viva voce*, huwa zbaljat, u l-provi huma tali li dik il-Qorti setghet ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

26. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

27. Dan jirrigwardja l-ordni ta’ manteniment li permezz taghha l-konvenut gie ikkundannat mill-ewwel Qorti li jhallas lill-attrici retta alimentari mensili ta’ €375 *“sakemm il-konvenut jibqa’ fl-impieg tieghu mal-Gvern”*.

28. Il-konvenut jilmenta mill-principju gurisprudenzjali addottat mill-ewwel Qorti li, l-fatt li l-mara tkun tahdem u taqla' biex tghix ma jeskludix l-obbligu tar-ragel li jipprovdi ghall-alimenti taghha, hija bbazata fuq gurisprudenza antika [1951] "u injorat ghal kollox l-izvillup u anzi t-tibdil radikali f'dan l-insenjament wara t-tibdil u riforma tal-ligi civili li poggiet il-mizzewwgin fuq l-istess livell". Huwa jiccita l-Artikolu 3 tal-Kap. 16 li jddisponi li:

> "Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xuxlin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."

29. Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li tassew li llum li l-pozizzjoni legali tal-mara llum tbidlet fis-sens li l-mara bhala konjugi ghandha l-obbligu li tahdem barra mid-dar, jekk possibbli, fejn mehtieg u li hi wkoll ghandha tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-familja. Kif osservat fil-kaz **PA Marthese Vella v. John Vella**, deciz fit-28 ta' Frar 2003:

> "Il-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din m'ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu: it-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara mizzewwga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn i-responsabbiltjiet huma rifless wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja *[ara App.S Doris Tabone vs Carmelo Tabone, 15 Dicembru 1997]"*

30. Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud**, 25 ta' Ottubru 2013:

> "Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-Artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min jitolbu."

31. Fil-kaz **Maria Abdilla v. Peter Abdilla,** deciz 31 Ottubru 2014 din il-Qorti osservat li:

> "... li meta ssehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewwgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun mehtieg, jekk fil-kaz bhal dak odjern, il-mara fiz-zwieg ma kienitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera ntrojtu ghal ghejxien taghha..... Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adegwat ghall-manteniment tieghu nnifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f'dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, u cioe` li manteniment li jinghata ghandu jitqies skont il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah.
>
> "…l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu. Fil-fatt mill-provi jirrizulta manifest li fil-mori tal-proceduri l-attrici kienet taghmel xoghol okkazjonali ta' hassiela ghand terzi biex tghin lilha nnifisha...... "

32. Spjanat it-terren legali, din il-Qorti ser tghaddi biex tinvesti l-aggravju fil-mertu tieghu.

33. Fil-kaz odjern jirrizulta manifest mill-provi li l-attrici hija mara ta' 41 biezla, u affidabbli fix-xoghol taghha. Tahdem part-time bhala assistenta fil-kcina go guesthouse fil-perjodu minn April sa Ottubru. Taghmel ukoll xoghol sporadiku ta' cleaner ghand in-nies. M'ghandhiex livell ta' edukazzjoni li jippermettilha li timpjega ruhha f'livell u bi gwadann ahjar. Ghalhekk l-introjtu taghha huwa necessarjament baxx, kemm minhabba li l-impieg taghha huwa

part-time u stagunali, kif ukoll minhabba li l-hila li taghmel certu xoghol hija limitata.

34. Rizutlat tas-separazzjoni hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix f'post mikri, versu l-kera mensili ta' €150.

35. Min-naha tieghu l-konvenut, minkejja l-kundizzjoni mentali li jbati minnha ghandu impieg regolari mal-Gvern li jirrendilu hafna aktar milli taqla' l-attrici fil-prezent.

36. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li fil-prezent l-introjtu tal-attrici huwa baxx u ma jippermettilhiex li tghix b'mod dicenti, tenut kont l-ispejjez kurrenti u necessarji li jkollha taghmel, kemm tal-kera kif ukoll tal-utilitajiet tad-dar. Min-naha l-ohra, il-konvenut, apparti li m'ghandux spejjez ta' kera peress li d-dar matrimonjali hija parafernali tieghu, ghandu introjtu minn impieg regolari mal-Gvern, li huwa ferm superjuri ghal dak tal-attrici.

37. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-element tal-bzonn da parti taghha u l-mezzi da parti tal-konvenut, l-ewwel Qorti kellha ragun li tordna li l-konvenut jissomministra lill-attrici retta alimentari fil-*quantum* stabbilit minnu, u cioe` ta' €175 fix-xahar.

38. Dak li ma taqbilx mieghu din il-Qorti huwa d-durata tal-obbligu tal-konvenut li jhallas il-manteniment ordnat, u cioe` sakemm hu *"jibqa' fl-impieg mal-Gvern".* Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-konvenut bhala l-parti hatja ghas-separazzjoni u tenut kont li ghandu impieg regolari, ghandu jhallas manteniment lill-attrici f'ammont li jippermetti lil din tal-ahhar tghix decentement, mill-banda l-ohra pero` l-attrici ghandha taghmel hilitha sabiex issib impieg full-time li jippermettilha ssostni lilha nnifisha. Tenut kont li l-attrici hija mara biezla, u ghandha reputazzjoni li hi affidabbli fix-xoghol, u wkoll tenut kont tal-fatt li ma hemmx tfal fiz-zwieg, m'ghandux ikun difficli ghaliha li ssib xoghol adegwat fuq bazi regolari u full-time. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tillimita l-obbligi tal-konvenut ghall-hlas ta' manteniment ghal zmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza. Dan qed jigi deciz *rebus sic stantibus*.

39. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat u qed jigi milqugh limitatament kif fuq indikat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijet premessi tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-konvenut gie ordnat ihallas retta alimentari lill-attrici "sakemm il-konvenut jibqa' fl-impieg tieghu mal-Gvern" u, minflok, tordna li dan l-obbligu tal-konvenut jispicca eghluq is-sentejn mid-data ta' din is-sentenza; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jigu sapportati mill-partijiet in kwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-konvenut, u kwart [$^{1}/_{4}$] mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------